**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**(Sede Kostituzzjonali)**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 302/2022GG**

**Perit Dr Audrey Demicoli**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
**L-Avukat Generali**
**L-Avukat tal-Istat**

Kawza nru: 15

Illum 10 ta' Dicembru 2024.

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors**[1] **tal-Perit Dr Audrey Demicoli** ippreżentat quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-14 ta' Gunju 2022, li permezz bis-segwenti premessi u talbiet:

1. B'dan ir-rikors, ir-Rikorrenti sejra tressaq lanjanzi u titlob rimedji ai termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja, b'rabta ma' ksur tad-drittijiet fundamentali taghha fil-kuntest ta' proceduri kriminali kontra l-eks-ragel taghha illi fihom hija ppartecipat bhala *parte civile* u rapporti ohra li hija ghamlet kontra l-istess eks-zewgha.

[1] Fol. 1 sa 8

2. Fil-qosor, ir-Rikorrenti ssostni illi kien hemm diversi nuqqasijiet min-naha tal-Prosekuzzjoni illi wasslu sabiex eventwalment l-eks-ragel tar-Rikorrenti gie lliberat minn kull akkuza, filwaqt li kien hemm ukoll reati illi dwarhom il-Pulizija Ezekuttiva naqset li qatt tiehu passi.
3. Ir-Rikorrenti ssostni illi
   (i) dawn in-nuqqasijiet illedew illi jeddijiet taghha ghal smiegh xieraq kif sancit u protett bl-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan ghaliex il-lanjanzi taghha sfumaw fix-xejn minhabba nuqqas tal-awtoritajiet;
   (ii) dan igib mieghu ukoll ksur tad-dritt tar-Rikorrenti ghall-hajja privata u familjari skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) stante l-impatt li l-ezitu tal-proceduri ghandu fuq il-hajja familjari taghha u fid-dawl tal-obbligi pozittivi tal-Istat li jissalvagwardja s-sigurta', id-dinjita' u l-privatezza taghha u tal-familja taghha;
   (iii) jissarraf ukoll fi trattament inuman, ai termini tal-Artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea,u dan ghaliex ir-rapporti taghha ma nghatawx l-importanza u l-attenzjoni li kien jixirqilhom;
   (iv) sehh ukoll ksur tad-dritt ghar-rimedju effettiv skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

## A. SFOND FATTWALI

4. Ir-Rikorrenti Dr. Audrey Demicoli, gja Testaferrata de Noto, kienet mizzewga lil Jesmon Testaferrata de Noto (ID 557663M) u flimiien kellhom tifla, Francesca, illi twieldet fis-6 ta' Novembru, 2002 u llum ghandha dsatax-il sena.
5. Iz-zwieg bejn ir-Rikorrenti u Jesmon Testaferrata de Noto huwa llum annullat wara proceduri ta' annullament mbdija mir-Rikorrenti, u l-partijiet jinsabu bhalissa ghaddejjin bi proceduri ta' separazzjoni ghall-iskopijiet tad-divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwist li precedentement kellhom bejnithom.
6. Fiz-zmien meta r-Rikorrenti u l-eks-zewgha kienu ghadhom jghixu flimkien fid-dar matrimonjali, 16, Triq Sant'Antnin Zejtun, l-istess Jesmon Testaferrata de Noto wettaq diversi atti ta' vjolenza domestika lejn ir-Rikorrenti. Huwa ripetutamen kien

ibezza u jintimida lir-Rikorrenti, u dan minbarra illi kien jingurjaha, idejjaha u jheddidha. Fost numru ta' episodji jispikka dak li gara nhar it-12 ta' Gunju, 2016 meta Jesmon Testaferrata de Noto, fil-presenza ta' bintu Francesca, aggredixxa lir-Rikorrenti, tefaghha fuq is-sodda, tela' fuqha u beda jifgaha f'idejh. Waqaf biss meta binthom bdiet tghajjat sabiex huwa jieqaf.

7. Episodju gravi iehor kien sehh f'Awissu tas-sena 2017. Waqt li r-Rikorrenti u bintha kienu fil-kcina jirrangaw xi oggetti fil-*cupboard*, Jesmon li dak il-hin kien qieghed jaghmel xi xoghol gewwa d-dar kellu martell f'idejh u waqt li r-Rikorrenti kienet baxxuta vicin il-*cupboard* huwa hezzez snienu u gholla l-martell u kien biss l-intervent f'waqqtu tat-tifla li ddiswadieh milli jwettaq att vjolenti fil-konfront tar-Rikorrenti.
8. L-episodju ta' Gunju, 2016 u ohrajn gie rappurtat lill-Pulizija nhar is-**16 ta' Novembru, 2017**. Wara dik id-data, Jesmon Testaferrata De Noto halla d-dar matrimonjali, biex b'hekk intemmu xhur shah ta' intimidazzjoni u vjolenza psikologika.
9. L-episodju li sehh f'Awissu 2017 gie rappurtat lill-Pulizija nhar id-**29 ta' Jannar, 2018** minn Francesca Testaferrata De Noto, bint ir-Rikorrenti.
10. Minkejja l-gravita' tal-fatti rappurtati, u l-periklu car illi r-Rikorrenti kienet tinsab fih, kien biss erba' (4) xhur wara li sar ir-rapport originali, u senjatament fl-**14 ta' Frar, 2018**, illi l-Pulizija fl-ahhar ressqu imputazzjonijiet kontra Jesmon Testaferratade Noto. L-ufficjal prosekutur eventwalment sahansitra xehed illi ghall-ewwel ma mexxiex kontra Jesmon Testaferrata de Noto ghaliex personalment dehrlu illi r-Rikorrenti kieent "isterika"(!) meta ghamlet ir-rapport, gudizzju psiko-mediku illi certament huwa qatt ma kellu jaghmel, specjalment fil-kuntest ta' rapport dwar vjolenza domestika, u li juri li l-ilmenti serji tar-Rikorrenti keinu qed jittiehdu bic-cajt. Dan il-gudizzju azzardat u zbaljat mhux biss wassal biex ma ttehditx azzjoni fi zmien xieraq imma wkoll turi nuqqas ta' gharfien gravi dwar vjolenza domestika mill-Awtoritajiet li suppost qed jipprotegu l-vittmi. Ghal dan in-nuqqas huwa responsabbli l-Istat.
11. Jesmon Testaferrata de Noto gie eventwalment akkuzat illi bejn Gunju 2016 u Novembru 2017, b'diversi atti maghmulin minnu li gew maghmla fi zmenijiet differenti pero' li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, huwa:

(i) Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Audrey Testaferrata De Noto u persuni ohra, b'mod li kien jaf jew messu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal dawk il-peruni;

(ii) Ikkaguna lil Audrey Testaferrata De Noto biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-persuna jew il-proprejta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, meta kien jaf jew imissu jkun jaf illi l-imgiba tieghu ser tikkaguna biza';

(iii) Hebb kontra l-persuna ta' Audrey Testaferrata De Noto sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara;

(iv) Ghamel lil Audrey Testaferrata De Noto ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici 9 [*sic* prezumibilment, Kodici Kriminali, Kapitolu 9] tal-Ligijiet ta' Malta, jew jekk kien ipprovokat, ingurjha b'mod li hareg barra mil-limiti ta' provokazzjoni;

(v) Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Audrey Testaferrata De Noto, weggaghha bi kliem, b'gesti, kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, kif ukoll;

(vi) Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li igieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; jew ghamel uzu mhux xieraq bih.

12. B'decizjoni tal-4 ta' Frar, 2022, il-Qorti, filwaqt illi sabet lil Jesmon Testaferrata De Noto mhux hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u s-sitt (6) imputazzjonijiet, iddikjarat illi it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni **<u>kienu preskritti skont il-ligi</u>** filwaqt illi fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni l-Qorti ddikjarat illi r-reat kien gie mhassar u abrogat mill-Kodici Kriminali **<u>qabel</u>** ma gew intavolati l-akkuzi.

13. Sinjifikanti f'dan ir-rigward illi fit-tielet pagna tad-decizjoni taghha, il-Qorti osservat illi meta gew intavolati l-proceduri kriminali fl-14 ta' Frar, 2017, it-tielet u r-raba' imputazzjoni **<u>ma keinux ghadhom preskritti</u>** izda waqghu preskritti meta l-prosekuzzjoni, inspjegabilment, iddecidiet illi tintavola akkuzi

godda fis-6 ta' Mejju, 2019, li gew mahlufa *seduta stante* mill-ufficjal prosekutur.

14. Bl-istess mod, ir-reat illi jservi ta' bazi ghall-hames imputazjoni gie abbrogat fl-24 ta' April, 2018, li allura jfisser illi kien ghadu fis-sehh meta tressqu l-akkuzi originali, izda mhux meta gew intavolati l-akkuzi godda fis-6 ta' Mejju, 2019.
15. L-implikazzjoni ta' dan hija ovvja – kien biss b'nuqqas tal-Prosekuzzjoni illi l-akkuzat gie liberat mit-tielet sal-hames imputazzjoni, u danin vista ta' teknikalita' illi l-ufficjal prosekutur kellu jassigura li ma ssehhx. Dan ifisser illi zball tal-prosekuzzjoni issarraf f'nuqqas illi jigi assigurat rimedju effettiv lir-Rikorrenti.
16. Ir-Rikorrenti tissottometti illi dan in-nuqqas wassal ghal ingustizzja palezi fil-konfront taghha, mhux biss ghaliex, minhabba zball, ma setghetx tiehu l-gustizzja misthoqqa, izda aghar minn hekk, ghaliex l-ezitu tal-proceduri kriminali jista' jkollhom ukoll konsegwenzi fuq il-proceduri civili li jinsabu prezentement pendenti bejn il-partijiet. Dan minbarra l-fatt illi l-ezitu tal-proceduri jincentiva lil-eks-ragel taghha fl-agir intimidatorju tieghu, b'impatt fuq il-hajja privata u familjari taghha.
17. Ghandu jinghad ukoll, pero' illi raguni ohra ghaliex ir-Rikorrenti tinsab ferm urtata hija ghaliex dan l-izball ma keinx xi *one-off*, xi nuqqas "ta' darba", izda wiehed minn diversi "zbalji" li wettqu l-Pulizija fil-konfront taghha, b'dan illi r-Rikorrenti ghandu dubbji serjissimu dwar il-genwinita' ta' tali "zbalji".
18. B'rabta ma' dan, ir-Rikorrenti taghmel referenza ghal rapport illi sar minnha fl-Ghassa taz-Zejtun nahr l-4 t'April, 2018 li bih irrapurtat lil zewggha li naqas li jaghtiha l-manteniment ghax-xahar ta' Marzu 2018 (6/2/2018 sa 6/3/2018) bi ksur tad-digriet moghti mill-Imhallef Onor Abigali Lofaro tas-6 ta' Frar, 2018. Il-Pulizija ma hadux azzjoni fil-hin, u dan il-ksur ta' digriet waqa' preskritt.
19. Bl-istess mod, ma jidhirx illi ttiehdu passi specifici dwar ir-rapport ta' bint ir-Rikorrenti, izda semmai l-episodju ta' Awissu, 2017 iddahhal biss b'mod generiku fl-akkuzu mressqa.
20. Ir-Rikorrenti ressqet protest gudizzjarju kontra l-intimatai qabel mexxiet b'dawn il-proceduri (Ara **Dok A1** – kopja tal-protest, bid-dokumenti mieghu annessi), izda f'kontroprotest, l-intimati cahdu kull responsabilita' u, anzi, ippruvaw jitfghu lura l-htija fuq

ir-Rikorrenti b'allegazzjonijiet illi r-Rikorrenti tichad kategorikament.

## B. BAZI TAL-ILMENT

21. Moghit l-isfond fattwali, ir-Rikorrenti sejra issa tispjega l-bazi tal-ilment taghha imressaq bir-rikors odjern.
22. Jibda biex jinghad illi n-nuqqasijiet deskritti mir-Riorrenti ikkrejaw pregudizzju kemm finanzjarju u kemm morali lir-Rikorrenti li ghalihom ghandu jinzammu responsabbli l-intimati. Ir-Rikorrenti ressqet rapporti u ilmenti serji dwar episodji ta' vjolenza domestika li gaghluha tibza' ghal sahhitha u sahansitra hajjitha, u minflok ma nghatat widen, ittiehdet bic-cajt ghaliex l-isepttur konvernat dehrlu li kellu quddiemu mara isterika – attitudini patronizzanti u patrijarkali li timmina l-jeddijiet tan-nisa vittmi ta' vjolenza. Il-ksur tal-jeddijiet tar-Rikorrenti min-naha ta' organi tal-Istat, jssarfu fi ksur tad-dirttijiet fundamentali tar-Rikorrenti, inkluz izda mhux limitat ghal-jedd taghha ghal rimedju effettiv u l-jedd ghall-harsien tal-hajja privata u tal-familja. Ir-Rikorrenti ma nghatat ebda forma ta' protezzjoni – anzi, ghadha sallum tghix bil-biza' li l-eks-zewggha jerga' jhebb ghaliha.
23. B'rabta mal-Artiklu 39 tal Kostituzzjoni, u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, jinghad illi bhala *parte civile* ie-Rikorrenti kellha l-jedd illi l-ilment taghha illi wassal biex jittiehdu proceduri kontra l-eks-ragel taghh jittiehdu bis-serja', jitressqu quddiem il-Qorti u li l-Prosekuzzjoni taghmel l-ahjar kaz sabiex tkun tista' ssir il-gustizzja. Minflok, il-process safa pregudikat, inkluz b'nuqqas t'azzjoni min-naha tal-Prosekuzzjoni.
24. Kif ga' ntqal, ir-Rikorrenti hija preokkupata ghaliex l-ezitu tal-proceduri kriminali jista' jkollhom impatt fuq il-proceduri ta' separazzjoni li ghadhom pendenti. Dan minbarra l-fatt illi ir-"rebha" fl-proceduri kriminali gi wasslet lill-eks ragel tar-Rikorrenti biex ikun offensiv u intimidatorju fuq il-midja socjali, partikolarment *Facebook*, fejn qed ipingi ruhu illi huwa l-"vittma" tal-akkuzi tar-Rikorrenti, meta fil-verita' huwa gie lliberat fuqpunti procedurali, u mhux fuq il-mertu.
25. F'dan il-kuntest, ir-Rikorrenti tirreferi ghall-Konvednzjoni tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Glieda kontra l-Vjolenza fir-

rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika, li precedentement kienet ratifikata fil-ligi Maltija bil-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta, u issa l-artikli taghha jew inkorporati fl-Att dwar il-Vjolenza Abbazi tal-Generu u Vjolenza Domestika (Kap 581 tal-Ligijiet ta' Malta). Ai termini tal-Konvenzjoni msemmija, l-Istat u l-organi tieghu ghandhom obbligazzjonijiet pozittivi illi jissalvagwardjaw is-sigurta', dinjita' u privatezza tar-Rikorrenti u ta' bintha. Ghall-kuntrarju, pero, in-nuqqasijiet tal-intimati spiccaw kellhom impatt fuq il-hajja privata u familjari tar-Rikorrenti. Dan jissarraf fi ksur tal-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja (dritt ghall-hajja privata u tal-familja) [skont il-principji nghidu ahna ta' *Hajduova v Slovakia*], kif ukolltal-Artiklu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artiklu 36 tal-Kostituzzjoni (dwar trattament inuman).

26. Ir-Rikorrenti tinvoka wkoll il-jedd taghha ghal rimedju effettiv, ai termini tal-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni u umilment tissottometti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha taghtiha r-rimedju li s'issa gie mcahhad lilha minhabba n-nuqqasijiet li qed tilmenta minnhom b'dan ir-rikors.

**C. KONKLUZJONI U TALBIET**

GHALDAQSTANT ir-Rikorrenti, ghar-ragunijiet premessi, titlob bir-rispett illi, prevja kwalunkwe' dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) Tiddikjara illi bl-agir taghhom l-intimati kisru l-jeddijiet fondamentali tar-Rikorrenti, partikolarment dawk protetti

(a) bl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni, u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (dritt ghal-smiegh xieraq);
(b) bl-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja (dritt ghall-hajja privata u tal-familja)
(c) bl-Artiklu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u bl-Artiklu 36 tal-Kostituzzjoni (protezzjoni minn trattament inuman)
(d) bl-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja (dritt ghal rimedju effettiv);

(ii) Taghti kwalunkwe' rimedju iehor li jista' jidrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi ghal protezzjoni tad-drittijiet fuindamentali tar-Rikorrenti, inkluz illi l-intimati jew min

minnhom ihallsu danni morali ghall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija fil-konfront tar-Rikorrenti;

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti[2] annessi mar-Rikors promotur.

Rat ir-**Risposta tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Generali u Avukat tal-Istat**[3] ippreżentata quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-16 ta' Awissu 2022, li permezz taghha eccepew li:

1. Illi preliminarjament, I-intimat Avukat Generali jeccepixxi illi m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet rikorrenti u dan ai terminu tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li l-mansjoni guridika tal-Gvem f'kawzi gudizzjarji hija vestita fil-Kap tad-Dipartiment koncernat. L-ufficcju tal-Avukat Generali ma kellu lebda poter jew funzjoni li jinvestiga reati u ma kienx partecipi fil-proceduri odjemi. L-esponent Avukat Generali ghalhekk jishaqq li I-kawza giet istitwita kontrih inutilment u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fil-mertu I-esponenti jirrilevaw illi huwa ovvju li r-rikorrenti l-Perit Audrey Demicoli ma kienetx akkuzata fil-proceduri II-Pulizija vs Jesmon Testaferrata De Noto u ghalhekk irid jigi determinat jekk proceduri kriminali jistghux jiddeterminaw xi dritt . kostituzzjonali tar-rikorrenti gjaladarba hija giet ammessa f'dawk il-proceduri bhala parte civile;

3. Illi I-parti leza issejjes din il-kawza kostituzzjonali fuq l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali taghha u dan a tenur: tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni (**smigh xieraq**), I-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (**rispett tal-hajja privata u tal-familja**), I-artikolu 3

[2] Fol. 9 sa 29
[3] Fol. 35 sa 40

tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni (**Il-projbizzjoni tat-tortural**), u I-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea (**rimedju effettiv**). Hija titlob kwalunkwe rimedju li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun kif ukoll hlas ta' danni morali;

4. Illi minnufih l-esponenti jirrispingu u jikkontestaw 1-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti u 1-prentensjonijiet marbutin maghhom, u jwiegbu ghalihom kif gej:

**Dwar is-smigh xieraq**

5. **Illi 1-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** citat mir-rikorrent jipprovdi li '*kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm -il darba 1-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi*'. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jmur oltre' meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem qorti jew tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf bil-ligi;

6. Illi l-Pulizija ghandha d-dmir u s-setgha tinvestiga u tiddeciedi jekk hemmx bizejjed provi qabel ma takkuza persuna b'reat jew reati quddiem awtorita' gudizzjarja. L-akkuzi jinhargu abbazi tal-provi rizultanti u mhux abbazi tax-xewqat ta' jew il-pressjoni maghmula mill-kwerelant. Fil-kaz in dizamina 1-Pulizija ma kelliex bizzejjed provi sabiex takkuza lil Jesmon Testaferrata de Noto b'attentat ta' omicidju volontarju jew attentat ta' ferita gravi. L-allegat kaz sehh f'Gunju 2016 mentri 1-allegata vittma' rraportat il-kaz f'Novembru 2017 (sena u hames xhur wara) minghajr ma provdiet provi bazici biex tissotanzja 1-allegazzjonijiet taghha;

7. Illi kif tajjeb gie mfisser mill-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija (Supt Johann Fenech) vs Jesmon Testaferrata de Noto (I.D. 557663M), nhar 1-4 ta' Frar 2022, 1-ewwel, it-tieni, il-hames u s-sitt akkuzi

(1-fastidju, u 1-biza li se tintuza vjolenza, kliem li jnaqqas il-gieh, u theddid permezz ta' network elettroniku) ma rrizultawx mill-provi li ngabu quddiem il-Qorti. Il-kontravenzjonijiet moghtija fit-tielet u r-raba' akkuzi (hebb biex jingurja/idejjaq/jaghmel hsara, u ingurji/theddid) kienu preskritti. Il-Qorti tat sentenza studjata u mirquma, u dan wara li semghet kemm lill-akkuzat, kemm lill-parti leza u kif ukoll lil binthom ta' sittax -il sena permezz ta' mezzi awdjo--vizivii;

8. Illi manadakollu kif sewwasew jipprovdi 1-Kodici Kriminali (ara l-artikolu 3) kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni civili u (ara 1-artikolu 6) 1-azzjoni kriminali u lazzjoni civili jitmexxew indipendentament wahda mill-ohra. Il-livell tal-prova huwa wkoll distint — fil-kamp Civili, kawza tintrebbah fuq bilanc ta' probabbilitajiet mentri fil-kamp penali 1-livell ta' prova li jwassal ghal htija huwa 'il fuq minn kull dubbju ragonevoli;

9. **Illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jistax jitqies li japplika ghal kaz odjern ladabra r-rikorrenti parte civile kellha rimedju iehor quddiem il-qrati civili, indipendentament mill-procediment kriminali;**

10. **Illi *casomai* ma sar xejn matul il-process kriminali li seta' jincidi fuq id-drittijiet tar-rikorrenti parte civile**, u ma jirrizulta minn imkien li b'xi mod giet mittiefsa xi wahda mill-protezzjonijiet moghtija bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

11. Illi 1-esponenti jecepixxu illi b'mod kostanti fil-gurisprudenza (kemm lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem) gie stabbilit li sabiex tinstab lezjoni tas-smigh xieraq kif imhares taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa mehtieg li process gudizzjarju jigi ezaminat fit-totalità tieghu. Bhala regola, sabiex ikun jista' jigi apprezzat jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jsehhu izda jrid ihares u jezamina jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri jkunux jew le kondotti b'gustizzja;

12. Illi fil-kaz odjern, il-parti leza giet mismugha mill-Magistrat ghal tul ta' hin u fuq insistenza ta' 1-istess giet mismugha wkoll bintha ta' sittax -il sena. Jekk fl-ahhar mill-ahhar il-Magistrat ma kienetx konvinta il-fuq minn kull dubbju ragjonevoli b'dak li semghet, u 1-elementi tar-reati ma rrizultawx, hija ma kellix triq ohra hlief li tillibera lill-akkuzat. B'dan ma jfissirx illi d-dritt tas-smigh xieraq tal-parti leia b'xi mod gie vjolat;

13. Illi meta wiehed iqis kollox, jirrizulta li f'dan il-kaz assolutament ma tqum 1-ebda kwistjoni ta' vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u 1-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Jigi b'hekk, li dan 1-ilment ma jisthoqqlux li jintlaqa';

**Dwar ir-rispett tal-hajja privata u tal-familja**

14. Illi **<u>1-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>** citat mir-rikorrent jipprovdi li *'1. Kullhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu. 2. M'ghandux ikun hemm indhil minn awtorita' pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun mehtieg f'socjeta' nazzjonali, sigurta pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjzi, biex jigi evitat id-dizordni jew 1-eghmil ta' delitti, ghal protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittjiet u l-libertajiet ta' haddiehor.'*

15. Illi 1-esponenti jistqarru li ma fehmux ezattament kif dan 1-artikolu gie invokat mir-rikorrenti. Kienet ir-rikorrenti stess li ghamlet kwerela, marret 1-Ghassa taz-Zejtun tirraporta u tinsisti li jinhargu 1-akkuzi fil-konfront ta' 1-eks zewgha meta huma, l-koppja, kienu ghaddejin minn proceduri biex iz-zwieg taghhom jinhall;

16. Illi r-rikorrenti kienet ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni, telghet tixhed fuq il-pedana u tkellmet rigward materji personali u privati ghax hekk ghazlet li taghmel. Il-Pulizija u l-lstat bl-ebda mod ma nterfirew fil-hajja privata u tal-familja taghha jew fil-korrispondenza taghha;

17. Illi b'hekk, dan l-ilment ukoll ma jisthoqqlux li jintlaqa';

**Dwar il-projbizzjoni tat-tortura**

18. Illi r-rikorrenti qieghda tallega li hija trattata b'mod inuman u degradanti in vjolazzjoni tal-**<u>artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea;</u>**

19. l-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi '*Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inumanjew degradanti*', L-artikolu 3 tal-konvenzjoni jmur oltre' ghaliex jipprovdi wkoll protezzjoni minn tortura, apparti minn trattament inuman jew degradanti jew piena. It-tortura tokkori meta persuna deliberatament tigi assoggettata ghal **sofferenza serja u krudili** minn persuna ohra. Trattament inuman jew piena jokkori meta wiehed jigi assoggettat ghal **sofferenza fizika jew mentali intensa**. Trattament degradanti jikkostitwixxi imgieba fuq persuna li **estremament tnaqqas id-dinjita' ta persuna ohra u tummiljaha**;

20. Illi kif tajjeb gie mfisser mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Joseph Ellul Grech vs. Avukat Generali et maqtugha fid-19 t'April 2016 -

<*L-Artikoli msemmija jittrattaw minn tipi differenti ta' imgieba projbita li kull wahda minnhom tirrifletti grad ta' severità wiehed ikbar mill-iehor.* ***L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni*** *jsemmi t-tortura, it-trattament inuman u ttrattament degradanti waqt li* ***l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni*** *jsemmi biss it-trattament inuman u degradanti. Dan ma jfissirx li ma hemmx protezzjoni minn tortura taht* ***l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni*** *ghaliex it-tortura certament dejjem u f'kull kaz tammonta tal-anqas ghal trattament inuman u degradanti*>;

21. Illi ghalkemm fil-ligi ma hemmx tifsira separata ta' dawn it-tliet tipi ta' mgieba, il-gurisprudenza turina li dawn ghandhom jigu interpretati b'mod differenti (ara **Dikme vs. It-Turkija** tal-11 ta' Lulju 2000);

22. Illi tassew dak li jiddistingwi t-tortura minn trattament inuman jew degradanti huwa 1-grad ta' intensità akbar tas-sofferenza li tigi inflitta fit-tortura, karatterizzata b'ghemil deliberat li jikkaguna sofferenza mill-aktar serja u kiefra (ara **Ireland vs. Ir-Renju unit** tat-18 ta' Jannar 1978);

23. Illi minbarra 1-element tal-grad qawwi ta' tbatija maghmula, element iehor li gie identifikat bhala karatteristiku tat-tortura huwa 1-fatt li t-tortura tigi inflitta bil-ghan li jintlahaq ghan preciz, bhal dak li tigi akkwistata xi informazzjoni, jew biex tippenalizza jew tintimida lil xi hadd (ara **Salman vs. It-Turkija** tas-27 ta' Gunju 2000);

24. Illi f'ghadd ta' sentenzi, fosthom **Soering vs. Ir-Renju unit** tas-7 ta' Lulju 1989, Aydin vs It-Turkija tal-25 ta' Settembru 1997, **Selmouni vs. Franza** tat-28 ta' Lulju 1999, **Salman vs. It-Turkija** tas-27 ta' Gunju 2000 u **Akkoc vs. It-Turkija** tal-10 ta' Ottubru 2000, il-Qorti Ewropea intepretat il-kuncett ta' tortura fuq id-definizzjoni misjuba fl-artikolu 1 tal-**UN Convention Against Torture and Other Cruel, Inhuman or Degrading Treatment or Punishment** tal-1984, li tfisser tortura bhala.

«any act by which severe pain or suffering, whether physical or mental, is intentionally inflicted on a person for such purposes as obtaining from him or a third person information or a confession, punishing him for an act he or a third person has committed or is suspected of having committed, or intimidating or coercing him or a third person, orfor any reason based on discrimination of any kind, when such pain or suffering is inflicted by or at the instigation of or with the consent or acquiescence of a public official or other person acting in an official capacity. It does not include pain or suffering arising onlyfrom, inherent in or incidental to lawful sanctions.»

25. Illi mil-premess jidher li tlieta huma I-elementi li b'mod ewlieni jikkaratterizzaw it-tortura, viz. (i) il-kagun ta' tbatija fizika jew mentali li tkun gravi u ta' intensita qawwija hafna; (ii) li t-tbatija

tkun giet inflitta b'mod intenzjonali; u (iii) li t-tbatija tkun giet ikkagunata bil-ghan specifiku biex jigu miksuba taghrif jew konfessjoni jew biex tbezza' lil dak li jkun;

26. Illi sitwazzjonijiet li l-Qorti Ewropea kklassifikathom bhala atti ta' tortura jinkludu: (i) l-*istrappado* fejn wiehed ikun imnezza' minn hwejgu, idejh ikunu marbuta wara dahru u gismu jkun imdendel fl-arja permezz ta' hbula mdawwra mad-dirghajn (Aksoy vs. It-Turkija tal-1996); (ii) xokkijiet elettrici (**Cakici vs. It-Turkija** tal-1999 u **Mikheyev vs. Ir-Russja** tal-2006); (iii) immersjoni fl-ilma u xokkijiet fil-partijiet intimi (**Abdulsamet Yaman vs. It-Turkija**); (iv) swat u theddid (**Selmouni vs. Franza tal-1999, Ilhan vs. It-Turkija** tal-2000, **Bursuc vs. Ir-Rumanija** tal-2004 u **Corsacov vs. Il-Moldova** tal-2006); (v) ghalf sfurzat (**Nevmerzhitsky vs. L-Ukrajna** tal-2005; u (vi) stupru (**Aydin vs. It-Turkija** tal-1997 u **Maslova u Nalbandov vs. Ir-Russja** tal-2008);

27. Illi fil-kaz tal-lum, m'ghandux ikun hemm dubju li l-ilmenti tar-rikorrenti kif mibnija fuq il-kawzali tat-tortura mhumiex misthoqqha u ghalhekk ghandhom jigu mwarrba;

**Dwar ir-Rimedju effettiv**

28. Illi l-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea** Citat mir-rikorrenti jipprovdi li '*Kull min ikollu d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f'kariga ufficjali*'.

29. Illi jinghad li l-artikolu 13 ma jezigix xi procedura partikolari dwar kif ghandu jinghata r-rimedju f'kaz li jigi allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali. L-importanti huwa li jinghata rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali. Fil-fehma tal-esponenti din 1-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha hija

awtorità nazzjonali li tista' taghti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li tassew sehhew infrazzjonijiet Konvenzjonali;

30. Illi l-artikolu 13 ma jirrikjedix illi jinholoq rimedju ordinarju quddiem Qrati ordinarji, izda kif diga nghad jirrikjedi biss li jkun hemm rimedju effettiv ghal min jallega ksur tad-drittijiet fundamentali taht il-Konvenzjoni. Ghalhekk irrispettivament minn jekk ir-rikorrenti ghandiex ragun jew le fil-mertu, certament din l-Onorabbli Qorti fil-vesti kostituzzjonali taghha tista' tipprovdi rimedju effettiv a tenur tal-artikolu 13;

31. Illi jsegwi ghalhekk, li fil-fehma tal-esponenti dan l-ilment ukoll ma jistax jintlaqa';

32. Illi maghdud dan kollu, l-konvenuti jecepixxu li m'huwiex il-kompitu ta' dina l-Onorabbli Qorti biex isservi ta' Qorti ta' Appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sempliciment ghaliex ir-rikorrenti ma mexxiliex tikseb dak li xtaqet mill-proceduri quddiem il-qorti penali u skont hi "**l-ezitu tal-proceduri kriminali jista' jkollhom impatt fuq il-proceduri ta' separazzjoni li ghadhom pendenti**";

33. Illi finalment l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet rikorrenti huma fiergha u vessatorji u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha filwaqt li tichad it-talbiet rikorrenti, **tippronunzja t-tqanqil ta' din il-kwistjoni bhala wahda sempliciment frivola u vessatorja;**

34. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

Rat il-provi dokumentarji mressqa mill-partijiet, inkluz l-atti tal-kawza **Pulizija (Spettur Sarah Magri) vs Jesmon Testaferrata De Noto**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-4 ta' Frar 2022.

Semghet lix-xhieda mressqa mill-partijiet.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat li:**

1. Dan huwa ilment kostituzzjonali li r-rikorrenti qed tressaq kontra l-Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Generali u Avukat tal-Istat bil-premessa li bl-agir u/jew bin-nuqqasijiet taghhom, l-intimati wasslu sabiex zewgha Jesmon Testaferrata de Noto jkun liberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontrieh fi proceduri kriminali, filwaqt li baqghu ma ttehdux proceduri kriminali kontrieh dwar reati li tghid li wettaq u li dwarhom ressqet ir-rapporti taghha lill-istess awtoritajiet. Ir-rikorrenti trid li, b'dawn l-agir u/jew nuqqasijiet taghhom, l-intimati jkunu dikjarati li kisrulha d-drittijiet fundamentali taghha protetti bl-artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni, u 3, 6, 8, 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Min-naha taghhom, l-intimati jiddefendu ruhhom fuq binarji differenti:

(a) l-intimat Avukat Generali jghid li ma kellu ebda mansjoni fil-process u procediment mertu ta' din l-azzjoni, u ghalhekk ghandu jkun liberat;

(b) il-bqija tal-intimati eccepew fil-mertu li:

(i) id-dritt ghal smigh xieraq ma japplikax ghar-rikorrenti ghaliex ma kinetx hija l-imputata jew l-akkuzata, u f'kull kaz ma kien

hemm ebda ksur tieghu fil-procediment segwit fuq talba taghha kontra zewgha;

(ii) ma kien hemm ebda ksur tad-dritt fundamentali ghar-rispett tal-hajja privata tar-rikorrenti u tal-gheziez taghha, ghaliex it-taghrif komunikat tatu hi volontarjament ghall-iskop ta' investigazzjoni li talbet hija stess;

(iii) ir-rekwiziti sabiex tirrikorri t-tortura, ghall-finijiet tal-art. 36 tal-Kostituzzjoni, u l-art. 3 tal-Konvenzjoni, kif spjegati fil-gurisprudenza, ma jirrizultawx f'dan il-kaz, u dan ghaliex ma kien hemm ebda tbatija fizika jew mentali gravi nflitta intenzjonalment fuq ir-rikorrenti bil-ghan specifiku li jinkisbu taghrif jew konfessjonijiet minghandha;

(iv) ma hemm ebda ksur tad-dritt fundamentali ghal rimedju effettiv ghaliex ir-rikorrenti kellha ghad-disposizzjoni taghha dan ir-rimedju li qed tezercita b'din l-azzjoni, u ma ghandha ebda dritt li din il-Qorti taghmel hi l-pronunzjament taghha fuq il-mertu tal-procediment ga deciz.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

3. Skond ma ppremettiet ir-rikorrenti, hija kienet mizzewga lil Jesmon Testaferrata de Noto, u minn dan iz-zwieg kellhom tifla wahda, Francesca, li llum ghandha 22 sena. Iz-zwieg tar-rikorrenti mal-imsemmi Testaferrata de Noto jinghad li kien annullat. Qabel dan, il-partijiet ghexu flimkien, u r-rikorrenti tghid li f'okkazjonijiet differenti hija kienet vittma ta' vjolenza domestika, li sehhet b'agir ta' zewgha li mhuwiex parti f'din il-kawza, u li tghid ukoll li sehhet fil-presenza tat-tifla.

4. Fl-affidavit[4] taghha, ir-rikorrenti tghid li zewgha kien imxewwex minn familjari tieghu kontrieha, u b'rizultat ta' dan, ir-relazzjoni taghhom fiz-zwieg kienet hzienet, oltre li kienet aggravata bil-problema tax-xorb li tghid li kellu zewgha. Tghid li fit-12 ta'

[4] Fol. 43 sa 47

Gunju 2016, waqt li zewgha kien xurban, hebb ghaliha quddiem it-tifla, li kellha 13-il sena, u pprova jifgaha, u waqaf biss ghaliex it-tifla bdiet tghajjat biex jieqaf. Kien ibezzaghha u jintimidaha, u jheddidha li, jekk tirrappurtah, jaghmlilha l-hsara fuq il-post tax-xoghol, u jirrappurtaha li ssawwat lit-tifla biex jehduhielha. Bdiet il-process ta' separazzjoni minhabba f'hekk. Zewgha pproceda ghall-annullament taz-zwieg, liema talba ntlaqghet, u fadal pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja l-procediment ghax-xoljiment, likwidazzjoni u qasma tal-gid komuni bejniethom. Tghid ukoll li, fil-process tal-firda, saret taf li zewgha kellu wild minn mara ohra qabel izzewweg lilha, u heba mir-rikorrenti dan il-fatt.

5. Ir-rikorrenti tghid li l-incident li gara f'Gunju 2016 irrappurtatu f'Novembru 2017, fuq parir tal-awtoritajiet li tawha l-ghajnuna. Ir-rapport sar mal-ispettur Johann Fenech fl-ghassa taz-Zejtun, u wara dan, zewgha kien halla d-dar taz-zwieg akkumpanjat mill-pulizija. Skond ir-rikorrenti, b'hekk intemmu xhur ta' bizgha u vjolenza psikologika.

6. Ir-rikorrenti kompliet tghid li, f'Jannar 2018, bintha qaltilha b'okkazjoni ohra meta missierha pprova jaggredixxi b'martell lir-rikorrenti, u ratu t-tifla imma mhux ir-rikorrenti. Hija hadet lil bintha l-ghassa, li ghamlet rapport dwar l-incident. Fl-14 ta' Frar 2018, il-pulizija hargu imputazzjonijiet kontra Jesmon Testaferrata de Noto, ghar-reati allegati mir-rikorrenti. Wara li semghet il-provi fil-kaz, il-Qorti helsitu minn tlett imputazzjonijiet ghaliex ma rrizultawx u mill-bqija ghax kienu preskritti, u ghax ir-reat allegat ma kienx jikkostitwixxi reat skond il-ligi fiz-zmien li fih inghatat is-sentenza.

7. Ir-rikorrenti ddikjarat li tnejn mill-imputazzjonijiet li l-Qorti sabet li kienu preskritti, kienu ghadhom mhux preskritti fil-mument li hargu l-imputazzjonijiet, imma ghaddew fil-preskrizzjoni ghaliex fil-kors tal-procediment kienu ntavolati imputazzjonijiet godda. Ukoll, ir-reat li ma kienx ghadu jezisti meta harget l-imputazzjoni, kien jezisti meta tressqu l-imputazzjonijiet originali. Ir-rikorrenti ddikjarat li dejjem attendiet ghas-seduti. Skond hi, ghalkemm kellha avukat jassistiha, id-decizjoni tas-sostituzzjoni tal-imputazzjonijiet

haditha l-prosekuzzjoni, li kellha t-tmexxija tal-kaz f'idejha, u la l-prosekuzzjoni u lanqas il-Qorti ma spjegawlha l-konsegewenzi tas-sostituzzjoni tal-imputazzjonijiet. Hija tghid li, skond ma fehmet mis-sentenza, kieku ma kienx hemm l-impediment tal-preskrizzjoni, il-Qorti kienet tidhol fil-mertu tal-ilmenti taghha, imma kif zvolgew l-affarijiet, ma setghetx.

8. Ir-rikorrenti kompliet tghid li ghandha diffikulta' temmen il-genwinita' tal-ufficjali tal-pulizija meta l-Ispettur Johann Fenech, li quddiemu ghamlet l-ewwel rapport, xehed fil-Qorti li ma kienx mexxa immedjatament kontra zewgha ghaliex kienet isterika, u ghalhekk ma emminhiex. Skond hi, mhux isterika kienet, imma mwerwra li zewgha jaghmlilha hsara fizika meta jsir jaf. Il-gudizzju li dan l-ufficjal ghamel dwarha kien zejjed, ghaliex ma kienx kompetenti jaghmlu. Hija tilmenta wkoll li l-pulizija ma hargux imputazzjonijiet cari fuq dak li rrappurtat bintha.

9. Minhabba f'dan kollu, ir-rikorrenti tghid li kienet pregudikata, u sofriet ingustizzja ghaliex baqghet tghix fil-bizgha, u minghajr protezzjoni, kienet pregudikata civilment fil-procediment tal-firda, zewgha kien liberat minn kollox u kienet imcahhda mill-gustizzja ghaliha u ghal bintha. Semmiet ukoll li l-istess tkaxkir tas-saqajn mill-pulizija garrbitu kull meta rrappurtat lil zewgha li ma hallashiex il-manteniment.

10. Ir-rikorrenti pprezentat ukoll *screenshots* mill-profil tal-*Facebook* ta' zewgha[5].

11. Ir-rikorrenti ressqet b'xhud taghha lill-ispettur Johann Fenech[6]. Huwa kkonferma li r-rapport mir-rikorrenti kien sarlu f'Novembru 2017, meta kien spettur fl-ghassa taz-Zejtun u rcieva kwerela datata 13 ta' Novembru 2017 minghand il-Prokuratur Legali Peter Paul Zammit b'talba sabiex jinvestiga lil zewgha fuq incident li kien sehh fit-12 ta' Gunju 2016. Huwa baghat ghar-rikorrenti, li ghamlet rapport ufficjali u tat l-istqarrija taghha. Fi kliem Fenech,

[5] Fol. 48 sa 50
[6] Ara xieda, 18.4.2023, fol. 58 sa 65

*"dakinhar kienet isterika kienet il-hin kollu kwazi tibki tghid li sofriet xi abbuz ghal hin twil minghand ir-ragel taghha"*[7]. *"[K]ienet agitata hafna, jigifieri kienet qed tibki, jien hsitb li ncident kien iktar serju milli qed tghid hi. Meta fil-verita' mbaghad kif bdiet tghid hi, emm, deheru li kien hemm jigifieri affarijiet ohra".*[8] Qal li l-verzjoni tar-rikorrenti ma kkonvincietux meta nvestiga, ghalkemm lil zewgha arrestah u hadlu l-istqarrija, u dana peress li rrizultalu li l-istatura fizika tar-rikorrenti hija ferm akbar minn ta' zewgha. Qal li r-rikorrenti ma pprovdietlux evidenza sekondarja li tikkonferma l-verzjoni taghha li zewgha kien hebb ghaliha u pprova joqtolha, la certifikat mediku u lanqas ritratti tal-marki. Min-naha tieghu, zewgha cahad kollox, u ta verzjoni kompletament differenti ta' dak li gara bejniethom, pero' kien accetta li johrog mid-dar.

12. L-Ispettur Fenech ipprezenta kopja tal-kwerela li waslet ghand l-intimat Kummissarju tal-Pulizija fit-**13 ta' Novembru 2017**[9], u li permezz taghha r-rikorrenti talbitu jinvestiga dak li kien sehh fit-**12 ta' Gunju 2016**, ghall-habta ta' 7pm fid-dar taz-zwieg. Huwa pprezenta kopja tal-istarrija tar-ragel tal-intimata Jesmon Testaferrata de Noto[10]. F'din l-istqarrija, ir-ragel tal-intimata cahad l-allegazzjonijiet kollha taghha, u ta verzjoni ghalkollox differenti ta' dak li sehh fit-12 ta' Gunju 2016, u aktar dettalji ta' x'gara wara, inkluz li l-kunjata (omm ir-rikorrenti) marret tghix maghhom f'Settembru 2017, u minn dakinhar huwa kien kostrett jibda jorqod fil-kamra tal-hasil biex martu zzomm is-sodda taghhom, bintha taghha u l-kunjata tuza l-*ispare bedroom*. Fenech ipprezenta wkoll kopja tal-imputazzjonijiet imressqa kontra Jesmon Testafaerrata de Noto[11].

13. In kontroezami[12], ir-rikorrenti qalet li fis-2 ta' Ottubru 2017 kienet cemplet lill-Agenzija Appogg u lill-*Victims Support Unit*, u mbaghad ghamlet f'Novembru 2017 rapport fl-ghassa taz-Zejtun. L-ispettur sema' dak li kellha xi tghid. Wara dan, zewgha mar id-dar

[7] Fol. 59
[8] Fol. 60
[9] Fol. 66
[10] Fol. 67 sa 68
[11] Fol. 69 sa 70
[12] Ara xiehda, 5.10.2023, fol. 93 sa 122

akkumpankjat mill-ufficjali tal-pulizija, aktar minn f'okkazjoni wahda, u ha hwejgu u ma raqadx aktar fid-dar. Ikkonfermat li lill-Ispettur ma tatux dokumenti u lanqas talabha taghtih dokumenti.

14. Dwar it-tibdil fl-akkuzi, jew ahjar iz-zieda tal-imputazzjonijiet, ir-rikorrenti kkonfermat li kienet inkarigat lil Peter Paul Zammit sabiex jassistiha, u kien filfatt jattendi biex jassistiha. Qalet li tiftakar li, f'okkazjoni minnhom, kien hemm diskussjoni li fiha kien involut is-sur Zammit. Skond hi, Zammit kien jghidilha li kollox f'idejn il-porsekuzzjoni ghaliex, bhala parti civili, m'ghandhom dritt ta' xejn. Ikkonfermat ukoll li l-Qorti adetta bl-imputazzjonijiet semghet bil-maghluq ix-xiehda ta' bintha.

15. Ir-rikorrenti cahdet li z-zieda tal-imputazzjonijiet saret fuq talba tad-difensur taghha. Ghamlet distinzjoni bejn isterika, kif jghid li kienet l-Ispettur, u imwerwra, kif tinsisti li kienet hi.

16. Dwar il-pregudizzju, ir-rikorrenti qalet li bl-ezitu tal-procediment dwar vjolenza domestika, tilfet il-possibilita' tax-xoljiment tal-komunjoni, u zewgha ghamel arja kbira u trid tizzewweg u tixtieq tiftiehem, u mhux jirnexxielha tasal bonarjament. Dwar ghalxhiex iddecidiet li tirrapporta f'Ottubru-Novembru 2017 incident li tghid li sehh aktar minn sena qabel, ir-rikorrenti qalet li marret tixtri dakinhar tal-anniversarju, infaqghet tibki u kienet ghadha kemm bdiet il-procedura tas-separazzjoni u ddecidiet li tmur taghmel ir-rapport.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

17. Mill-atti tal-proceduri kriminali kontra r-ragel tar-rikorrenti, li kienu prosegwiti fuq talba taghha, jidher li inizalment kien imputat b'erba' imputazzjonijiet li hargu fl-14 ta' Frar 2018, u hamsa ohra li hargu fil-15 ta' Marzu 2018, tal-ewwel riferibbli ghat-12 ta' Gunju 2017 u x-xhur ta' wara, u tat-tieni ghaz-zmien bejn Gunju 2016 u Novembru 2017.

18. Minn dawn l-atti, jirrizulta wkoll li:

(i) fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2018, id-difensur tar-rikorrenti, bhala parti offiza, talab korrezzjoni fl-imputazzjoni numru erbgha (4) biex issir taqra *"billi kif redatta permezz ta' xi apparat telefoniku, elettroniku, ghamilt ingurji lill-istess Audrey Testaferata DeNoto, l-Artikoli 39 sa 49 tat-Telekomunikazzjoni"*[13];

(ii) fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2019, inqraw l-imputazzjonijiet godda[14] li l-Prosekuzzjoni pprezentat kontra r-ragel tar-rikorrenti, u li kien lahaq kien notifikat bihom, fil-presenza tar-rikorrenti u d-difensur taghha, u d-difiza eccepiet il-preskrizzjoni ta' tlett xhur fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, filwaqt li eccepiet li l-hames imputazzjoni ma kinetx ghadha tikkostitwixxi reat;

(iii) xehdet imbaghad fit-tul il-minuri bint il-partijiet;

(iv) ir-rikorrenti kienet kontroezaminata fit-tul;

(v) xehed l-imputat u kien kontroezaminat;

(vi) saret sottomissjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif presjeduta meta nghatat is-sentenza, li minnha jirrizulta li, f'dik l-istanza, kien hemm divergenza fil-perspettiva bejn il-prosekuzzjoni u l-parti civili (ossia r-rikorrenti) li rrizultat ukoll f'din l-istanza[15].

**Ikkunsidrat ukoll li:**

19. Sabiex il-mertu tal-ilmenti tar-rikorrenti f'din il-kawza, u d-difizi sollevati mill-intimati biex jilqghu ghalihom, jitqiesu fil-perspettiva korretta, din il-Qorti tissenjala mill-ewwel li:

---

[13] Fol. 17 tal-atti allegati
[14] Fol. 47
[15] Ara pg. 2 u 3 tat-trattazzjoni finali fl-atti alleti

(i) ir-rikorrenti ghazlet li ma titlobx li jsir appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Spettur Sarah Magri vs Jesmon Testaferrata De Noto**, moghtija fl-4 ta' Frar 2022 ("Sentenza"), kif jipprovdi l-artikolu 414 tal-Kodici Kriminali u llum din is-sentenza tal-prim'istanza tikkostitwixxi gudikat;

(ii) din l-istanza mhijiex, u ma ghandhiex, isservi ta' istanza ulterjuri ghal dak il-procediment, u ghalhekk il-punt tat-tluq fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti mhuwiex il-korrettezza, jew xort'ohra, tal-konkluzjonijiet ta' dik il-Qorti;

(iii) kienet ir-rikorrenti li talbet li jkun investigat zewgha, u stabbiliet il-parametri tal-allegati reati mwettqa minnu, u dan bil-mezz tal-kwerela redatta mid-difensur tal-ghazla taghha, u sussegwentement ir-rikorrenti ppartecipat b'mod shih fil-procediment kontra zewgha, u kienet anke assistita mill-istess difensur tal-ghazla taghha fil-kors tieghu;

(iv) ir-rikorrenti taccetta, ghalkemm b'diffikulta', li d-difensur taghha kien involut fid-diskussjoni mal-Prosekuzzjoni li wassal ghat-tibdil fl-imputazzjonijiet, li mbaghad kienu konfermati mill-Ispettur fl-10 ta' Mejju 2019, u li dwarhom kien ggudikat zewgha bis-Sentenza.

20. Senjalati dawn il-parametri, din il-Qorti ser tghaddi l-ewwel biex tqis l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali li mhuwiex legittimu kuntradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti; u wara ser tezamina l-applikabilita', u l-allegata vjolazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti, ta' kull wiehed mid-drittijiet fundamentali li taghhom tallega li sofriet ksur.

**Legittimita' Passiva tal-Avukat Generali**

21. L-**art. 2(1)** tal-<u>Ordinanza dwar l-Avukat Generali</u> (Kap. 90 tal-Ligijiet ta' Malta), kif l-ahhar emendat bl-Att XXV tal-2019, jipprovdi hekk:

2. (1) L-Avukat Ġenerali jkun l-Uffiċjal Prosekutur Ewlieni f 'Malta u jkollu dawk is-setgħat f 'dak li għandu x'jaqsam ma' proċedimenti kriminali u kif jista' minn żmien għal żmien jiġi provdut bil-liġi. Fit-twettiq tas-setgħat tiegħu li jibda, imexxi jew itemm proċedimenti kriminali l-Avukat Ġenerali għandu jeżerċita dawk is-setgħat skont il-ġudizzju personali tiegħu.

22. Dwar il-funzjonijiet tal-Avukat Generali, l-istess Ordinanza, fl-**art. 3** – li kien mizjud bl-Att XXV tal-2019 - tipprovdi hekk:

3.*[16] Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2 l-Avukat Ġenerali għandu jkollu l-funzjonijiet u s-setgħat li ġejjin:
(a) jesiġi li l-Kummissarju tal-Pulizija:
(i) jinvestiga kwalunkwe reat;
(ii) jagħti lill-Avukat Ġenerali kull informazzjoni dwar l-investigazzjoni ta' xi reat;
(iii) joħroġ kwalunkwe akkuża għal xi reat;
**(b) li, minkejja dak provdut f'xi liġi oħra, u fid-diskrezzjoni tiegħu, waħdu jew mal-Pulizija Eżekuttiva jew ma' xi awtorità oħra li jkollha s-setgħa li tmexxi prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala qorti ta' ġudikatura kriminali u kemm bħala qorti istruttorja, imexxi l-prosekuzzjoni jew jassisti fil-prosekuzzjoni ta' kull reat li dwaru persuna tkun tressqet quddiem dik il-qorti:**
**Iżda għall-finijiet tat-twettiq ta' dak provdut f'dan il-paragrafu kull artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' xi liġi oħra li jvesti xi funzjoni jew setgħa dwar it-tmexxija ta' proċeduri fil-qorti fil-prosekuzzjoni ta' reati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-Pulizija Eżekuttiva jew f'xi awtorità oħra li jkollha s-setgħa li tmexxi l-prosekuzzjoni għandu jitqies li jkun qiegħed ivesti dik il-funzjoni jew setgħa wkoll fl-Avukat Ġenerali;**[17]

[16] * Daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2020. Ara l-Avviż Legali 386 tal-2020.
[17] Enfasi ta' din il-Qorti

> (ċ) id-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tinbeda prosekuzzjoni għal reat li jkun soġġett għal piena li tkun teċċedi l-ġuriżdizzjoni oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali għandha tittieħed mill-Avukat Ġenerali:
>
> …

23. Minn dan, u partikolarment dak provdut fis-**subinciz (b)** tal-**art. 3** tal-Kap. 90, jirrizulta car li l-intimat Avukat Generali kellu funzjoni u setgha fit-tmexxija tal-procediment penali mibdi fuq talba tar-rikorrenti, anke jekk effettivament din kienet ezercitata mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija, u ghalhekk id-difiza preliminari tieghu li ma kellux involviment, u ghalhekk m'ghandux ghalxhiex iwiegeb, ma hijiex sostenibbli, u ser tkun michuda.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

24. Kif senjalat diversi drabi f'diversi gudikati ta' din il-Qorti, u tal-Qorti Kostituzzjonali, l-ghan tar-rimedju ghal ksur tal-jeddijiet fundamentali mhuwiex li min iressaq l-ilment jottjeni l-ezitu li jkun stenna li jircievi mill-Qorti ordinarja, u li ma jkunx irnexxielu jikseb. Is-setgha ta' din il-Qorti, fi procediment bhal dan, huwa li tezamina jekk l-Istat irrispettax id-drittijiet fundamentali, f'dan il-kaz tal-parti offiza, bil-legislazzjoni u l-processi mahsuba u mhaddma minnu ghall-osservanza taghha fl-ambitu tal-ilment tal-istess parti.

25. B'mod preliminari, din il-Qorti tirreferi ghad-disposizzjonijiet fil-Kodici Kriminali, senjatament dawk stipulati fl-**art. 410**, li jaghtu dritt ta' partecipazzjoni attiva fil-procediment penali lill-parti offiza, u jelenkaw f'dettall kif jigi ezercitat dak id-dritt:

> **410.** (1) Fil-każijiet li fihom l-Avukat Ġenerali jew il-Pulizija Eżekuttiva taġixxi fuq kwerela tal-parti offiża, **il-kwerelant jista' jkun preżenti waqt is-smigħ tal-kawża, jista' jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali, jista jagħmel eżami jew kontro-eżami lix-xhieda u jġib,**

**biex isaħħaħ l-akkuża kull prova oħra li l-qorti jkun jidhrilha li tista' tinġieb skont il-liġi.**

(2) Meta l-kwerelant għandu jinsama' taħt ġurament, ix-xiehda tieghu ghandha tittiehed qabel dik tax-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni, barra minn meta, fil-fehma tal-qorti, jinħass il-bżonn

wara, f'xi waqt ieħor tal-kawża jew meta dik ix-xiehda tiġi mitluba mill-imputat f'kull waqt li jkun tal-kawża, jew meta l-qorti jidhrilha li hu sewwa li tbiddel l-ordni tal-provi.

(3) Fil-każijiet ta' proċeduri magħmulin mill-Pulizija ex officio, **il-Pulizija u l-parti offiża jistgħu jkunu assistiti minn avukat jew prokuratur legali, illi jista' jagħmel eżami u kontro-eżami lix-xhieda, iġib provi u jagħmel, sabiex isaħħaħ l-akkuża, kull osservazzjoni oħra li l-qorti jidhrilha li tista' ssir skont il-liġi.**

(4) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6), parti offiża li jkollha interess li tkun preżenti matul proċeduri magħmulin mill-Pulizija jkollha l-jedd li tikkomunika dak l-interess lill-pulizija billi tagħti l-partikolaritajiet tagħha flimkien mal-indirizz fejn tkun toqgħod u malli jsir dan dik il-parti offiża għandha tiġi notifikata b'avviż li jkun fih id-data, il-post u l-ħin tal-ewwel smigħ f 'dawk il-proċeduri u jkollha l-jedd li tkun preżenti fil-qorti matul dak is-smigħ u matul kull smigħ ieħor li jiġi wara wkoll jekk tkun xhud.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6), persuna li ma tiġix notifikata bl-avviż imsemmi fis-subartikolu (4) u li tkun qed tippretendi li hi parti offiża tista' titlob lill-Qorti li tiddaħħal fil-proċeduri bħala parti offiża u jekk il-pretensjoni tagħha li hija parti offiża tintlaqa' mill-qorti, minn dak il-waqt 'il quddiem dik il-persuna jkollha l-jedd li tkun preżenti matul kull smigħ li jiġi wara wkoll jekk tkun xhud.

(6) Jekk l-avviż tad-data tal-ewwel smigħ ma jiġix notifikat lill-parti offiża wara li jkun sar tentattiv għaldaqshekk, jew jekk għal xi raġuni li tkun parti offiża tonqos milli tidher waqt xi seduta, dan ma għandux jippreklludi lill-qorti milli tipproċedi bis-smigħ tal-każ jew tal-kumpilazzjoni sakemm dawn jiġu konklużi.[18]

**Dritt Ghal Smigh Xieraq (art. 39 tal-Kostituzzjoni / Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea)**

26. Fir-rigward tal-procediment penali, bhal dak li dwaru ressqet l-ilmenti taghha r-rikorrenti, id-dritt ghal smigh xieraq, fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea, huwa mesejjes kif gej:

**Kostituzzjoni**

**39.** (1) **Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali** huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.

(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l**-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili** għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.

**Konvenzjoni Ewropea**

**6**. (1) **Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu,** kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż

[18] Enfasi ta' din il-Qorti

mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.

(2) **Kull min ikun akkużat b'reat kriminali** għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.

(3) **Kull min ikun akkużat b'reat kriminali** għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:

(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;

(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;

(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;

(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;

(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.

27. Kif tajjeb eccepew l-intimati, fiz-zewg disposizzjonijiet, id-dritt ghal smigh xieraq huwa moghti lil *"min ikun akkuzat b'reat kriminali"*. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti ma kinetx, u fis-sottomissjonijiet taghha mkien ma ghamlet accenn ghal dan in-nuqqas.

28. Lil hinn minn dan, pero', il-gurisprudenza taghna, fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali, tqis li l-parti offiza tista' ggarrab ksur tal-jedd fundamentali taghha ghal smigh xieraq fil-procediment ghad-

determinazzjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni tal-jeddijiet civili taghha, *"jekk jirrizulta li kien essenzjali ghad-determinazzjoni tad-dritt civili ta' l-appellant l-process kriminali provokat …. Jekk, ghall-kuntrarju, dan ma kienx il-kaz, u allura jirrizulta illi l-appellant kellu rimedju iehor quddiem il-qrati civili, indipendenti mill-process kriminali li kien jassiguralu l-protezzjoni ta' tali dritt, allura din il-Qorti difficilment setghet taccetta s-sottomissjoni li kien ikun applikabbli s-subinciz 1 ta' l-art. 6 ta' l-ewwel skeda tal-Kap 319 u ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni."*[19] Aktar ricenti, dan kien ribadit fis-sentenza **Jason Genovese vs Kummissarju tal-Pulizija et**[20], mill-Qorti Kostituzzjonali, kif gej:

> 33. Kif ben ikkwotat l-Ewwel Qorti mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali **Francis Xavier sive Frank Mifsud v. Avukat Generali** deciza fit-2 ta' Novembru 2001, l-Artikolu 6(1) ma jistax jitqies illi japplika jekk l-appellant "kellu rimedju iehor quddiem il-qrati civili, indipendenti mill-process kriminali li kien jassiguralu l-protezzjoni ta' tali dritt..."20 bhal ma hu fil-kaz odjern fejn l-appellant ghandu a disposizzjoni tieghu rimedju quddiem il-Qorti Civili li jimxi indipendentement mill-procediment kriminali.

28. Mill-accenni li ghamlet ir-rikorrenti waqt ix-xiehda taghha quddiem din il-Qorti, jidher li hija tistenna li n-nuqqasijiet fil-process penali kontra zewgha cahhduha definittivament, u minghajr ebda rimedju ulterjuri, mid-dritt li titlob u tottjeni d-dekadenza tieghu mill-jeddijiet patrimonjali tieghu fiz-zwieg, liema dritt taghha skatta mill-allegata vjolenza domestika li huwa ezercita kontra taghha.[21] Din il-Qorti tifhem, fl-assenza ta' sottomissjonijiet appoziti mir-rikorrenti, li hija tistenna li fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni ta' htija kontra zewgha, hija ma tistax tottjeni l-beneficcju tad-dekadenza tieghu mill-jeddijiet elenkati fl-**art. 48** tal-Kodici Civili, u senjatament mid-drittijiet successorji u ta' manteniment altrimenti mposti fuqha

[19] **Francis Xavier vs Frank Mifsud vs Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali, 2.11.2001 citata b'konferma fis-sentenza **Jason Genovese vs Kummissarju tal-Pulizija et**, Qorti Kostituzzjonali, 12.2.2016
[20] Ara nota 19
[21] Ara premessa 13 fl-att promotur, fol. 12; para. 16 tal-affidavit tar-rikorrenti, fol. 48, u x-xiehda taghha in kontroezami, fol. 117 sa 118

fil-konfront tieghu, mid-donazzjonijiet maghmula lilha minnha, u mid-dritt li jircievi nofs l-akkwisti maghmula principalment bil-hidma tal-konjugi l-iehor.

29. Dan pero' mhux il-kaz.

30. L-**art. 48** tal-Kodici Civili jipprovdi car li t-telfien hemm stipulat japplika fejn il-firda ssehh bi htija ta' parti wahda minhabba adulterju jew abbandun. Meta l-htija tal-firda tkun akkollata lil parti minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew ingurji gravi (**art. 40**, Kod. Civ.), fit-termini mfissra fl-istess Kodici, u mhux taht xi ligi penali, l-applikazzjoni ta' dan it-telfien huwa mholli fid-diskrezzjoni tal-gudikant li jiddikjara l-firda (**art. 51**, Kod. Civ.). L-ezami shih dwar l-okkorrenza tal-htija ghal firda, kif mifhum fil-ligi civili, fl-imgieba fiz-zwieg tar-ragel tar-rikorrenti, u f'kaz ta' sejbien ta' htija bhal dik, il-konsegwenzi taghha, jaqa' ghal kollox fl-ambitu tal-process civili ta' firda, u r-rikorrenti ma tilfet xejn mill-jeddijiet taghha f'dak il-process bin-nuqqas ta' sejbien ta' htija ta' zewgha fil-procediment penali in ezami.

31. Konsegwentement, ma jezistux l-estremi f'dan il-kaz sabiex ir-rikorrenti tinvoka favur taghha b'success id-dritt fundamentali ghal smigh xieraq fil-procediment penali li kien prosegwit fuq talba taghha kontra zewgha, u ghalhekk l-ilment taghha f'din il-kawza li garrbet ksur tad-dritt fundamentali taghha ghal smigh xieraq qed ikun michud.

**Protezzjoni minn Tortura jew Trattament Inuman jew Degradanti**

32. Ir-rikorrenti tallega wkoll li garrbet ksur tad-dritt fundamentali taghha ghal harsien minn tortura, u minn trattament inuman jew degradanti, u dana tenut kont tal-mod kif mexa maghha l-ufficjal tal-pulizija Spettur Johann Fenech minn meta sema' l-verzjoni tal-fatti moghtija minnha fl-ghassa, u partikolarment bil-fehmiet li esprima dwar l-istat li kienet tinsab fih.

33. Dwar x'jikkostitwixxu tortura, u t-trattament inuman jew degradanti, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Sharon Farrugia vs L-Avukat Generali et**[22], f'kaz simili hafna ghal dak odjern imressaq minn parti offiza fi procediment penali, ghamlet taghha s-segwenti tifsir:

> Ma hemm ebda dubbju li dak li għandha quddiemha l-Qorti żgur ma jammontax għall-tortura. Dan l-għemil jippresupponi l-applikazzjoni ta' atti li jwasslu għal uġiegħ intensiv fisiku jew mentali. It-tortura, fiha nnifisha hija ta' natura korporali li kemm litteralment u anke metaforikament tolqot fil-laħam il-ħaj id-dinjita'u inkomulita' fiżika tal-persuna.
> Il-konvenzjoni ma tipprovdix definizzjoni iżda skont artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Ġnus Maqgħuda "the term torture means any act by which severe pain or suffering, whether physical or mental, is intentionally inflicted on a person for such purposes as obtaining from him or a third person information or a confession, punishing him for an act he or a third person" (Ara ukoll **Ireland -vs- the United Kingdom** 18 ta' Jannar 1978 ). Minn eżami tal-fatti kif jemerġu fil-kawża, il-Qorti teskludi għal kollox li dan huwa l-każ.
> Lanqas ma jista' jingħad li din il-Qorti għandha quddiemha trattament inuman. Dan it-trattament ġie definit mill-ECHR: "inhuman" because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch, and caused either actual bodily injury or intense physical and mental suffering. Many instances of inhuman treatment arise in the context of detention, where victims have been subjected to ill-treatment which has been severe, but not of the intensity required to qualify the treatment as torture." (Emfażi tal-Qorti. Ara **Selçuk and Asker v. Turkey**, judgment of 24 April 1998, ECHR 1998-II, p. 19, §78; **Dulas v. Turkey**, judgment of 30 January 2001, §55; **Bilgin v. Turkey**, 16 November 2000, §10). Il-Qorti wara li qieset il-provi ma

[22] Qorti Kostituzzjonali, 25.10.2023, para. 31 sa 32

tistax tasal ghal konkluzjoni li quddiemha ghandha trattament inuman. Il-Qorti tirrkonoxxi, li kien nuqqas il-mod kif giet amministrata l-vertenza u li tassew wassal ghall-preokupazzjoni gustifikata tar-rikorrenti, izda bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li dak li gara kien pre-meditat.

Minn naha l-ohra trattament degradanti gie definit mill-ECHR bhala "is that which is said to arouse in its victims feelings of fear, anguish and inferiority, capable of humiliating and debasing them. This has also been described as involving treatment such would lead to breaking down the physical or moral resistance of the victim, or as driving the victim to act against his will or conscience." (Ara fost ohrajn **Tekin vs-Turkey** judgement of 9 June 1998, ECHR 1998-IV, §52). Ghal darba ohra, il-Qorti ma ghandha ebda dubbju li r- rilaxx tal-intimat Tawfik holoq stress u tensjoni kbira fir-rikorrenti. Izda dan ma hux bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li minhabba l-ghemil tal-Qorti u tal-Avukat Generali kien mahsub biex jumilja jew ibaxxi lir-rikorrenti. Li jaghmel ghemil degradanti mhux biss kif ihossu l-individwu li jilmenta, izda li dak l-ghemil kien propju mahsub biex johloq dawk l-effetti fl-individwu. Il-Qorti ma ghandha xejn fl-atti li jindika dan"[23].

34. L-istess bhal f'dak il-kaz, din il-Qorti ma ghandhiex dubju li n-nuqqas ta' sejbien ta' htija fil-procediment penali kontra r-ragel tar-rikorrenti soggettivament holoq lir-rikorrenti stress jew tensjoni. Ir-rikorrenti hassitha offiza bid-deskrizzjoni li ta l-Ispettur Fenech tal-istat taghha meta din tkellmet mieghu fl-ghassa wara li d-difensur taghha baghat il-kwerela f'isimha, deskrizzjoni din li l-istess ufficjal irrepetiha u spjegaha fid-dettall quddiem din il-Qorti kif presjeduta. Meqjusa fil-kwadru shih tal-fatti kif irrizultawlha, din il-Qorti ma ssib xejn censurabbli f'dan l-agir. Kien jinkombi fuq dan l-ufficjal li jiehu kont tal-istat li pprezentat ruhha fih quddiemu r-rikorrenti. Hekk ghamel, u kif kien kompitu tieghu, ma qaghadx biss fuq id-

[23] Enfasi ta' din il-Qorti

dikjarazzjonijiet taghha, imma ghamel l-investigazzjonijiet tieghu, li kienu jinkludu l-arrest ta' zewgha u t-tehid tal-istqarrija tieghu. U ghalkemm ir-rizultanzi kienu jikkonsistu biss f'zewg verzjonijiet kunfliggenti, minghajr ebda prova ohra oggettiva, bhal xi prova dokumentarja jew medika, xorta wahda ressaq l-imputazzjonijiet kif mitlub mill-parti offiza, li kompliet tippartecipa b'mod shih, u b'assistenza legal, fil-process li segwa.

35. Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-gudikati li rreferiet ghalihom ir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet taghha[24] dwar din il-lanjanza b'mod specifiku. Pero' ssib li l-fatti li taw lok ghal dawk il-pronunzjamenti huma ghalkollox differenti minn dawk li rrizultaw f'din l-istanza. Dan jinghad b'mod partikolari ghaliex:

(i) ir-rikorrenti halliet aktar minn sena u tlett xhur jghaddu minn meta sehh l-allegat incident principali biex avvanzat l-allegazzjonijiet taghha;

(ii) din il-Qorti ghandha dubji serji kemm kien sforz il-bizgha li r-rikorrenti kellha minn zewgha li baqghet ma rrappurtatx dak li tghid li gara b'mod immedjat jew almenu fil-jiem jew gimghat wara, u dan meta tqis li fl-istess perjodu hija kellha liberta' bizzejjed biex fid-dar taz-zwieg iddahhal tghix maghha wkoll lil ommha;

(iii) dan kollu sehh fi zmien meta r-rikorrenti ddecidiet li tipprocedi ghall-firda minn ma' zewgha;

(iv) b'rizultat tal-intervent immedjat tal-pulizija, wara li rcevew il-kwerela mibghuta mid-difensur taghha, ir-ragel tar-rikorrenti hareg definittivament mid-dar taz-zwieg u mar jghix band'ohra;

(v) ghalkemm issemmew rapporti ohra, dwar allegati reati li dan wettaq in konnessjoni mal-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment, ma tressqet ebda prova dwarhom, jew dwar l-azzjoni li ttiehdet jew ma ttehditx fir-rigward taghhom;

[24] Ara para. 29 sa 32, fol. 137 sa 139

(vi) meta eventwalment kienu sostitwiti l-imputazzjonijiet kontra r-ragel tar-rikorrenti, hija kienet partecipi b'mod shih fil-procediment penali, u kellha wkoll id-debita assistenza legali, filwaqt li ammettiet hija stess li d-difensur taghha kien involut fid-diskussjonijiet mal-prosekuzzjoni f'dak ir-rigward.

36. Konsegwentement, lanqas l-ilment tar-rikorrenti li garrbet ksur tad-dritt fundamentali taghha protett bl-**art. 36** tal-Kostituzzjoni, u bl-**art. 3** tal-Konvenzjoni Ewropea, ma huwa fondat.

**Dritt ghar-Rispett tal-Hajja Privata u Tal-Familja**

37. Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-mod kif imxew l-ufficjali tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija fil-kaz taghha wassal ghal ksur tad-dritt fundamentali taghha ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja, kif protett bl-**art. 8** tal-Konvenzjoni Ewropea, li jipprovdi kif gej:

> ARTIKOLU 8
> (1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.
> (2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

38. Fis-sottomissjonijiet taghha, ir-rikorrenti targumenta li l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz taghha kien pregudikat kontrieha, u li dan il-pregudizzju johrog car kemm mid-deskrizzjoni tal-istat taghha bhala *"isteriku"*, u aktar mir-riferenza - li hi qieset bhala dispregjattiva - tad-dehra fizika taghha, u l-paragun bejn dik id-dehra u d-dehra ta' zewgha. Skond ir-rikorrenti, il-vjolazzjoni ta' dan id-dritt fundamentali taghha sehhet bin-nuqqas ta' azzjoni f'waqtha, u

tal-portata mehtiega, mill-ufficjali tal-pulizija, biex jipprotegu s-sigurta' taghha fil-privat.

39. Din il-Qorti, filwaqt li taghmel riferenza ghall-apprezzament legali u fattwali li ghamlet aktar 'il fuq dwar id-deskrizzjoni moghtija mill-Ispettur fuq l-istat li fih osserva li kienet ir-rikorrenti meta tatu l-verzjoni taghha tal-fatti, tikkonferma l-fehma taghha li dik l-osservazzjoni kienet wahda pertinenti, partikolarment fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar allegat reat kriminali. Kwantu ghar-riferenza li ghamel dan l-ufficjal ghad-dehra u l-persuna taghha, kemm mix-xiehda li rrizultat mill-atti allegati, u anke mix-xiehda tas-supretendent Fenech quddiem din il-Qorti, deher car li dan l-accenn sar b'kunsiderazzjoni ghall-verosomiljanza tal-verzjoni tal-fatti mohtija mir-rikorrenti, u dan minhabba li l-pulizija kellhom biss zewg verzjonijiet kunfliggenti dwar dak li sehh, u ebda prova ohra oggettiva jew indipendenti. Inoltre, din il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll li, b'rizultat dirett tal-intervent tal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet, ir-ragel tar-rikorrenti hareg mid-dar taz-zwieg, u mar jghix permanentement band'ohra, u b'hekk kienet eskluza kull possibilita' ta' kuntatt ulterjuri bejn ir-rikorrenti u zewgha.

40. Dawn ir-rizultanzi huma ghalkollox differenti mir-rizultanzi ta' fatt li ppronunzjat ruhha dwarhom il-Qorti Ewropea fil-kazijiet **Hajduova**[25] u **Jankovic**[26], citati mir-rikorrenti, u ghal din ir-raguni ma jghoddux ghal dan il-kaz il-pronunzjamenti li ghamlet fihom l-istess Qorti.

41. Konsegwentement, anke in kwantu bazat fuq l-**art. 8** tal-Konvenzjoni Ewropea, l-ilment tar-rikorrenti qed jigi michud.

**Dritt Ghal Rimedju Effettiv**

42. L-ahhar lanjanza tar-rikorrenti tirrigwardja l-allegat ksur tad-dritt fundamentali taghha ghal rimedju effettiv, protett bl-art. 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

[25] **Hajduova v. Slovakia** – 2660/03, deciza 30.11.2010 [Section IV], para. 36 sa 42
[26] **Sandra Janković v. Croatia** - 38478/05, deciza 5.3.2009 [Section I], para. 44 sa 58

43. A skans ta' dilungar bla bzonn, u fid-dawl ta' dak meqjus aktar 'il fuq, din il-Qorti tirreferi ghall-ispjegazzjoni aggornata moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem[27] dwar dan il-jedd, fejn jinghad li gej:

> 10. Article 13 cannot reasonably be interpreted so as to require a remedy in domestic law in respect of every supposed grievance under the Convention that an individual may have, no matter how unmeritorious his complaint may be: the grievance must be an "arguable" one in terms of the Convention (**Boyle and Rice v. the United Kingdom**, 1988, § 52; **Maurice v. France** [GC], 2005, § 106).
> 11. Article 13 guarantees the availability at national level of a remedy to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they might happen to be secured in the domestic legal order (Rotaru v. Romania [GC], 2000, § 67). **Article 13 has no independent existence; it merely complements the other substantive clauses of the Convention and its Protocols (Zavoloka v. Latvia, 2009, § 35 (a)). It can only be applied in combination with, or in the light of, one or more Articles of the Convention or the Protocols thereto of which a violation has been alleged. To rely on Article 13 the applicant must also have an arguable claim under another Convention provision**.[28]

44. In vista tal-konkluzjonijiet ta' din il-Qorti dwar il-bqija tal-lanjanzi tar-rikorrenti fil-mertu bazati fuq id-drittijiet fundamentali sostantivi protetti bl-**art. 3**, **6** u **8** tal-Konvenzjoni, il-lanjanza taghha li sofriet ksur ukoll tad-dritt sancit bl-**art. 13** tal-Konvenzjoni ma tistax tirnexxi.

45. **Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza, u tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mill-eccezzjonijiet tal-intimati billi:**

[27] Guide on Article 13 of the European Convention on Human Rights, Right to An Effective Remedy [Updated on 31 August 2024], https://ks.echr.coe.int/documents/d/echr-ks/guide_art_13_eng
[28] Enfasi ta' din il-Qorti, ibid., pg. 8

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati;**

**2. Tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati in kwantu kompatibbli ma' dak hawn deciz, u tichadhom ghall-bqija;**

**3. Tichad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

---

Onor. Dr. Giovanni M Grixti
Imħallef

---

Nicole Cini
Deputat Reġistratur